# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 31 ta' Ottubru 2001**

**Numru  30**

**Citaz.  numru:  1717/99 M1 NA**

**Corinthia Palace Hotel Co Limited**

**vs**

**Alpha College Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

"Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn mija u hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (sic) (Lm2,189.59) (sic) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni, catering u servizzi ohra pprovduti lis-socjeta' konvenuta mill-istess socjeta' attrici

gewwa l-lukanda Jerma Palace Hotel, kif jidher minn prospett hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra legali datata 1 ta' Gunju 1998, izda xorta baqghet inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) stante li fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut m'ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra t-talbiet tas-socjeta' attrici u l-istanti qed jannetti affidavit hawn immarkat Dokument "B" a tenur ta' l-istess Artikoli tal-Kap. 12 hawn fuq indikati;

TALBET li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,189.59 rapprezentanti prezz ta'

servizz ta' akkomodazzjoni, catering u servizzi ohra kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 1 ta' Gunju 1998, u bl-imghax sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat is-sentenza parzjali ta' din il-Qorti tat-28 ta' Lulju 1999;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Semghat l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' it-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.